



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.6.2016  
COM(2016) 312 final

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea sabiex jipprovdi  
għall-pagament tal-avvanzi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2017**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, fil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 000 000 (prezzijiet tal-2011), minbarra l-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Il-Punt 11 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba<sup>2</sup>, stabilixxa l-modalitajiet għall-mobilizzazzjoni tal-Fond.

Il-kundizzjonijiet tal-eliġibilità għall-Fond huma ppreżentati fid-dettall fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea<sup>3</sup>, li jipprevedi li ammont sa massimu ta' EUR 50 000 000 f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament jiġu inklużi fil-baġit għall-pagament tal-avvanzi.

Il-Kummissjoni tqis li huwa neċessarju li tipprovdi għal din il-mobilizzazzjoni sabiex tkun żgurata d-disponibbiltà fil-ħin tar-riżorsi baġitarji u għalhekk il-Kummissjoni tipproponi li dan l-ammont jiġi inkluż fl-Abbozz tal-Baġit 2017.

---

<sup>1</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884

<sup>2</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

### dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea sabiex jipprovdi għall-pagament tal-avvanzi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2017

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea<sup>4</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4a(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f' materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba<sup>5</sup>, u b'mod partikolari l-punt 11 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ("il-Fond") għandu l-għan li jippermetti lill-Unjoni tirrispondi b'mod rapidu, effiċjenti u flessibbli għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza u li turi solidarjetà mal-popolazzjonijiet ta' reġjuni milquta minn diżastri naturali.
- (2) Il-Fond ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 500 000 000 (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013<sup>6</sup>.
- (3) L-Artikolu 4a(4) tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 jipprevedi li, meta jkun meħtieġ sabiex tkun żgurata d-disponibbiltà fil-ħin tar-riżorsi baġitarji, il-Fond jista' jiġi mobilizzat għal ammont sa massimu ta' EUR 50 000 000 għall-ħlas ta' avvanzi u li l-appropriazzjonijiet korrispondenti jiddaħħlu fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.
- (4) Sabiex tiġi żgurata disponibbiltà fil-ħin ta' riżorsi baġitarji suffiċjenti fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2017, il-Fond għandu jiġi mobilizzat għal ammont ta' EUR 50 000 000 għall-ħlas ta' avvanzi.
- (5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed biex jiġi mmobilizzat il-Fond, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2017,

<sup>4</sup> ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3

<sup>5</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

<sup>6</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, EURATOM) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020. ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2017, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 50 000 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-ħlas ta' avvanzj.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2017.

Magħmul fi,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*